MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Numru. 1450/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND MICALLEF**
**VS**
**YOUSEF ESSESI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Yousef Essesi ta’ 19- il sena, bin Abdussalam u Bernardette Vella nee’ Pirotta, mwieled Pieta’ fit- 2 ta’ Ottubru 1991, residenti CCF u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 509491M;

Talli;

1) fit- 23 ta’ Dicembru 2009 ghall- habta tas- 2.00pm f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ gewwa l- ghassa tal- Pulizija ta’ Tas- Sliema bil- hsieb li jagheml hsara lil xi

persuna, akkuza lil Andy Zammit quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat, fil- waqt li kien jaf li dik il- persuna hija nnocenti;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil- qerq halaq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il- fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l’ quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioe’ Andy Zammit, bil- hsieb li b’ hekk din il- persuna tkun tista’ tigi kontra s- sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

3) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil- qerq holoq it- tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

4) aktar talli nhar it- 22 ta’ April 2010, ghall- habta ta’ 12.00pm f’ dawn il- Gzejjer u cioe’ minn gewwa l- fond 46, Collections, ix- Xatt, Tas- Sliema, kkommetta serq ta’ €150 fi flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil- persuna u li sar ghad- detriment ta’ Ivan Gerald Zammir u/ jew ta’ persuni ohra;

5) finalment talli sar recidiv ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta b’ diversi sentenzi mill- Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza jittratta zewg incidenti separati. Fuq l-ewwel incident, l-imputat gie akkuzat li ghamel rapport falz mal-Pulizija fir-rigward ta' Andy Zammit. Fuq it-tieni incident, l-imputat gie akkuzat li seraq ammont ta' flus minn stabbiliment sitwat ix-Xatt Tas-Sliema, liema imputazzjoni giet ammessa minnu. Ghalhekk, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel incident, il-Prosekuzzjoni ressqet tlitt imputazzjonijiet, u l-Qorti ser tittratta din il-parti tal-akkuza. Biex din l-azzjoni tirnexxi, din il-kawza kienet tiddependi bis-shih fuq il-kredibilita' o meno tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Dan peress illi n-natura tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat kien imsejjes fuq rapport li l-imputat ghamel fil-konfront tal-parti leza, Andy Zammit.

Mill-provi prodotti, jidher li kien hemm nuqqas ta' qbil konsiderevoli fil-verzjoni moghtija mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Dan qed jinghad peress illi x-xhud Robert Borg gie ghal kollox kontradett minn WPC 218. Dan in-nuqqas wassal biex il-Qorti ma temminx il-verzjoni moghtija minn Zammit, izda temmen il-verzjoni moghtija mill-imputat, li kien dejjem konsistenti fix-xiehda tieghu. Ghalhekk, l-ewwel tlitt imputazzjonijiet ma rrisultawx ippruvati, u l-imputat ser jigi illiberat minnhom. L-anqas ma rrisultat ippruvata l-addebitu tar-recidiva, u ghalhekk il-Qorti sejra timxi biss fuq ir-raba' imputazzjoni, li kienet giet ammessa minnu kif gia' inghad.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 101(1)(2), 109, 110(1), 268, 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Din il- Qorti ma ssibxlill- imputat hati tal- ewwel (1), it- tieni (2), it- tielet (3) u l- hames (5) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.
Issibu hati tar- raba' (4) akkuza u ghaldaqstant tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kap 9.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ mija w hamsin ewro (€150) lil Ivan Gerald Zammit fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kap 9.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------